MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 251/2004

**Citadel Insurance p.l.c.**

**vs**

**Keith Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mija u disa' Liri u erbgha u erbghin centezmu Maltin (LM2109.44,0) rapprezentanti danni sofferti u spejjez ohra inkorsi mis-socjeta' attrici sabiex taghmel tajjeb, ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u wara s-sentenza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet *GasanMamo Insurance Agency Ltd. noe. et. v.***

***Keith Galea* (955/02 DM) datata l-1 ta' Frar tas-sena 2002, ghall-hsarat ikkagunati lil Alex Busuttil mill-konvenut f'incident stradali li sehh nhar is-16 ta' Marzu tas-sena 2000 fi Triq il-Wied Birkirkara, u dan prevja dikjarazzjoni li l-incident surreferit sehh bhala konsegwenza u in segwitu tal-fatt illi hu kien qieghed isuq il-vettura DAF 232 assikurata mas-socjeta' attrici taht l-effett tax-xorb jew mod iehor bi ksur tal-polza ta' assigurazzjoni tieghu a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ghat-tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Il-konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Gunju tas-sena 2004 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------